**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 13 ta' Lulju, 2022**

**Talba Nru: 62/2021MD**

**Vodafone Malta Limited illum Epic Communications Limited (C 10865)**

**Vs**

**Deelian Mifsud (K.I. Nru: 18600L)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-17 ta'Frar, 2021[1] permezz ta' liema s-socjeta` attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat jhallasha s-somma ta' elfejn, mija u zewg Ewro u erba centezimi (€2,102.04) rapprezentanti servizzi rezi in konnessjoni ma' servizzi ta' telefonija cellulari bil-kont numru 1.11033858 fuq talba u a beneficcju tal-intimat; bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv.

Ra l-fattura[2] annessa mal-istess avviz.

[1] *A fol* 1 *et seq* tal-process.
[2] *A fol* 2 *et seq* tal-process.

Ra l-affidavit ta' Dr. Jeremy Debono ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' attrici[3] fejn ikkonferma illi l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici ghadu dovut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti tas-17 ta' Mejju, 2022 u tal-5 ta' Lulju, 2022.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fis-seduta tas-17 ta' Mejju, 2022 u fil-fatt il-konvenut ma deherx sabiex jirrispondi ghalih ghas-seduta tal-5 ta' Lulju, 2022.

Ra x-xhieda ta' Dr. Mariah Mula[4], rapprezentanti tas-socjeta' attrici fejn ikkonfermat li l-ammont ta' elfejn, mija u zewg Ewro u erba centezimi (€2,102.04) ghadu dovut u ilu dovut mill-1 ta' Gunju, 2018.

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra. Ulterjorment it-talba tirrizulta kkonfermata wkoll mill-fattura annessa mal-istess avviz li jindika il-bilanc dovut ghal-servizzi rezi in konnessjoni ma' servizzi ta' telefonija cellulari bil-kont numru 1.11033858 fuq talba u a beneficcju tal-konvenut, kif ukoll mill-affidavit ta' Dr. Jeremy Debono in rappresentanza tas-socjeta' attrici, u mix-xhieda ta' Dr. Mariah Mula in rapprezentanza tas-socjeta' attrici.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lil konvenut sabiex ihallas lill-istess socjeta` attrici s-somma ta' elfejn, mija u zewg Ewro u erba centezimi (€2,102.04) rapprezentanti servizzi rezi in konnessjoni ma' servizzi ta' telefonija cellulari bil-kont numru 1.11033858 fuq talba u a beneficcju tal-intimat, bl-imghax mill-1 ta' Gunju, 2018 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu unikament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Gudikatur**

---

[3] *A fol* 3 tal-process.
[4] *A fol* 30 tal-process; verbal datat 5 ta' Lulju, 2022